MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-18 ta' Frar, 2011

Numru. 3/2011

**Pulizija**
**(Spettur Christopher Pullicino)**
**vs**
**Joseph Muscat**
**Kolya Bugeja**
**Leandros Penza**

Il-Qorti;

Rat li l-imputati Joseph Muscat ta’ 25 sena, iben Joe u Carmen nee’ Borg, imwieled Pieta’ fis-17 ta’ Settembru 1985 u residenti 99, Perth, Flat 1, Ganu Street, Birkirkara u detentur tal-karta tal-identita’ numru 476085(M) u l-imputat Kolya Bugeja ta’ 22 sena iben Frans u Therese nee’ Muscat imwieled Pieta’ fl-14 ta’ Novembru 1987 u residenti 44, San Anton Court, Triq il-Papa Gwanni XXIII, B’Kara u detentur tal-karta tal-identita’ numru 527887(M) u l-imputat Leandros Penza ta’ 18 sena, iben John Mary u Connie nee’ Faenza, imwieled Pieta’ fis-27 ta’ Novembru

1991 u residenti 26, Johncon, Triq Andre Vassallo, Luqa u detentur tal-karta tal-identita’ numru 596191(M) gew mressqa quddiemha akkuzati talli:

Lil Joseph Muscat u Kolya Bugeja wahidhom:

1. Talli fil-lejl ta’ bejn l-10 u l-11 ta’ Settembru 2010, ghall-habta ta’ 23.00hrs, gewwa B’Kara, ikkommettew serq ta’ diversi oggetti fosthom affarijiet ta’ kmamar ta’ banju gewwa ‘Showroom’ sitwat f’ 132, Triq in-Naxxar liema serq huwa kkwalifikat bil-hin, bil-mezz u bil-valur li hu aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u li sar ghad-detriment ta’ Wilfred Bezzina u/jew persuna/i ohra.

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe ghamlu hsara fil-hgiega ta’ l-istess ‘showroom’ liema hsara taqbez il-mija u sittax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu tal-ewro izda inqas minn elf mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu tal-ewro ghad-dannu ta’ l-istess Wilfred Bezzina u/jew persuna/i ohra.

Lil Joseph Muscat u Leandros Penza wahidhom:

1. Talli fil-lejl ta’ bejn l-11 u t-12 ta’ Settembru 2010, ghall-habta ta’ 23.00hrs, bil-hsieb li jikkommettu delitt, urew dan il-hsieb b’atti esterni u taw bidu ghall-ezekuzzjoni ta’ dan id-delitt, liema delitt ta’ serq ta’ vettura tal-ghamla VW Beetle li kienet fil-fond St Francisco, Triq in-Naxxar, B’Kara ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta’ taghhom u li kieku sehh kien ikun aggravat bil-hin, bil-mezz u bil-valur li jaqbez €2329.37 u ghad-dannu ta’ Chris Sammut u/jew persuna/i ohra;

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkommettew serq ta’ tlett ‘car stereos’ minn gewwa tlett vetturi ohra differenti li kienu fl-istess garage liema serq huwa

aggravat bil-hin, bil-mezz u bil-valur li jiskorri mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94), izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u dan ghad-dannu ta' Christopher Sammut u/jew persuna/i ohra.

Lil Joseph Muscat u Kolya Bugeja wahidhom:

Rrendew ruhhom recedivi ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, meta diga gew misjuba hatja b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputati kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar is-17 ta' Frar 2011 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghhom.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputati wiegbu li huma hatja, din il-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghhom u taghthom zmien xieraq sabiex jekk iridu jergghu lura minnhom u kien biss wara li staqsiethom it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni taghhom.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputati, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputati hatja ta' l-akkuzi kif dedotti kontra taghhom.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputati ammettew fi stadju bikri tal-proceduri u li huma kkoperaw fil-kors tal-investigazzjonijiet. In kwantu jirrigwarda l-imputat Leandross Penza l-Qorti kkunsidrat kemm il-fatt li huwa ghandu fedina penali netta kif ukoll il-fatt li huwa ghad ghandu biss tmintax (18) il-sena. In kwantu jirrigwarda l-imputati Kolya Bugeja u Joseph Muscat il-Qorti kkunsidrat il-fatt li ghalkemm huma recidivi r-reati li taghhom kienu nstabu hatja kienu lkoll konnessi ma ksur ta' regolamenti tat-traffiku u ghalhekk il-Qorti jidrilha li m'ghandhiex timponi piena karcerarja effettiva izda li

ghandha taghti lill-imputati l-ahhar opportunita' sabiex jirriformaw ruhhom u jaqbdu t-triq it-tajba.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 41, 261, 263, 267 u 270 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat Leondros Penza hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor sa zmien tlett (3) snin millum.

Wara li rat l-Artikoli 17(h), 41, 49, 50, 261, 263, 267 u 270 u 325 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputat Joseph Muscat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah multa ta' hames mitt Ewro (€500) u b'applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda taghmel Ordni ta' P*robation* li permezz tieghu tqieghed lill-hati Joseph Muscat taht is-sorveljanza ta' l-ufficjal tal-*probation* illi ghandu jigi assenjat skond il-ligi u dan ghall-perijodu ta' tlett (3) snin millum u taht is-segwenti kundizzjonijiet:-

1. Li matul il-perijodu ta' probation ta' tlett (3) snin Joseph Muscat ghandu jgib ruhu tajjeb, joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer u jzomm dak il-kuntatt mehtieg u mitlub mill-ufficjal tal-*probation* mahtur lilu.
2. L-ufficjal tal-*probation* mahtur ghal dan l-iskop ghandu jirraporta bil-progress ta' Joseph Muscat kull sitt (6) xhur bil-miktub.
3. Joseph Muscat ghandu javza mmedjatament lill-ufficjal tal-*probation* b'kull bdil li talvolta jaghmel fl-indirizz residenzjali tieghu.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lil hati bi kliem car l-effett ta' din l-ordni u tiddikjara li ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tinnotifika minnufih kopja ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation li ghandu jassenja l-ufficjal tal-*probation idoneju* ghall-hati.

Wara li rat l-Artikoli 17(h), 49, 50, 261, 263, 267 u 270 u 325 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputat Kolya Bugeja hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti

tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah multa ta' hames mitt Ewro (€500) u b'applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda taghmel Ordni ta' P*robation* li permezz tieghu tqieghed lill-hati Kolya Bugeja taht is-sorveljanza ta' l-ufficjal tal-*probation* illi ghandu jigi assenjat skond il-ligi u dan ghall-perijodu ta' tlett (3) snin millum u taht is-segwenti kundizzjonijiet:-

1. Li matul il-perijodu ta' probation ta' tlett (3) snin Kolya Bugeja ghandu jgib ruhu tajjeb, joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer u jzomm dak il-kuntatt mehtieg u mitlub mill-ufficjal tal-*probation* mahtur lilu.
2. L-ufficjal tal-*probation* mahtur ghal dan l-iskop ghandu jirraporta bil-progress ta' Kolya Bugeja kull sitt (6) xhur bil-miktub.
3. Kolya Bugeja ghandu javza mmedjatament lill-ufficjal tal-*probation* b'kull bdil li talvolta jaghmel fl-indirizz residenzjali tieghu.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lil hati bi kliem car l-effett ta' din l-ordni u tiddikjara li ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tinnotifika minnufih kopja ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation li ghandu jassenja l-ufficjal tal-*probation idoneju* ghall-hati.

Wara li rat l-Artikoli 392 A (2) u 401 (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tordna li l-atti kollha ta' dan il-process flimkien ma kopja tas-sentenza jintbghatu lill-Avukat Generali fiz-zmien li trid il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------